MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 528/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**
**Vs**

**Carmel Dimech**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Dicembru 2010 fejn il-Bank attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ sitt elef sitt mija w erbgha u sebghin Ewro w erbgha w disghin centesmu (€6,674.94) bilanc ghad-debitu fil-‘*loan account’* tieghu mal-Bank attur (Dok ‘A1’ sa ‘A3’) flimkien mal-imghax ulterjuri midt-2 ta’ Ottubru 2010 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara li jigi dikjarat illi l-konvenut Carmel Dimech:
(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-iskrittura tat-8 ta’ Jannar 2003 (Dok ‘B’); u

(b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti; u/jew
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 25 ta’ Frar 2009 (Dok ‘C’) u tal-Mandat ta Sekwestru kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Purtier Reno Spiteri  datat 5 ta’ Jannar 2011 fejn il-konvenut inghata kopja tar-rikors.

Illi fis-seduta tat-12 ta’ Jannar 2011 il-Bank attur ipprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta’ Jannar 2011 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-Bank attur jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess Bank tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas  lill-Bank attur is-somma ta’ sitt elef sitt mija w erbgha w sebghin Ewro w erbgha w disghin centesmu (€6,674.94) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali mit-2 ta’ Ottubru 2010.**

**Bl-ispejjez tal-ittra ufficcjali datata 25 ta’ Frar 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru w tal-prezenti procedura kontra l- konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------